MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2005

Numru 518/2000

Il- Pulizija
(Spettur Helga Debono,
Spettur Joseph Mercieca)

-vs-

Richard Edwards

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Richard Edwards ta’ 28 sena, bin Anthony u Diane nee O’ Donell, mwieled Halifax, Yorkshire, United Kingdom fis- 7 ta’ Frar 1977 u joqghod BLK 2, DR. B, FLT 8, Misrah Awrikarja, San Gwann, Detentur ta’ karta ta’ l- identita’ bin- numru 289191(m)

Akkuzat talli f’ dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta’ Lulju 2000 b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru

l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

a) b' mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm 2,600 bi hsara ghal Bank of Valletta, George u Pauline Micallef u persuni ohra, bi ksur ta' l- Artikoli 308 u 309, 310(1) tal- Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

b) Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghom bi ksur ta' l- Artikolu 334 tal Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

c) Talli fid- 9 ta' Lulju 2000 mir- residenza ta' George u Pauline Micallef fil- Qawra, San Pawl il- Bahar, ikkommetta serq ta' handbag, cwievet ta' l- istess residenza, licenzja tas- sewqan ta' Pauline Micallef, portafol, u cekk tal- Bank of Valletta mahrug lil G. Micallef numru 715 li ma kienx miktub izda kien iffirmat ghad-dannu ta' G. Micallef u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil- lok, hin u bix- xorta tal- haga misruqa u dan bi ksur tal- Artikoli 269, u 270 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li fis- seduta ta' llum l- akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti wissietu u taghtu zmie n biex jahsibha kif ukoll fissritlu xi tfisser tali ammissjoni.

Issibu hati stante ammissjoni.

Rat l- art 308, 309, 310, 269 u 270 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l- art 28A tal- Kap 9 ta’ l- istess Ligijiet li ser tapplika stante il- kondotta tal- hati.

Ghalhekk tikkundanna lil hati ghal sentejn prigunerija liema sentenza m’ ghandiex tidhol fis- sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor soggett ghall- prigunerija fi zmien tlett (3) snin m’ llum.

Rat l- art 28 (H) tal- Kap 9 u tordna li l- hati ihallas l-ammont dovut lid- derubati b’ rati ta’ hamsin lira Maltija (Lm 50) fix- xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------